# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Ħdax (11) ta’ Jannar 2022**

**Rikors Numru 329/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Arnold Cassola**

**Vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta’ Mejju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*1. Illi huwa ilu attiv fix-xena politika Maltija għal iktar minn tletin sena. Illi huwa jħaddan politka favur id-demokrazija parteċipattiva, trasparenza, valuri ambjentali, ġustizzja soċjali u żvilupp sostenibbli.*

***Attivita politika tar-rikorrent***

*2. Illi huwa kkontesta l-Elezzjonijiet Nazzjonali fl-1992, 1996, 1998, 2003, 2008, 2013 u 2017. Huwa kkontesta l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-2004, 2009, 2014 u fl-2019.*

*3. Illi fl-2019 huwa kkontesta bħala kandidat indipendenti b'orjentament "Green" u, fuq livell nazzjonali, tella' 2200 vot mal-ewwel għadd u 2900 vot mal-aħħar għadd.*

*4. Illi hu jixtieq ikompli jaħdem fil-kamp politiku u li jkun kandidat indipendenti fl- elezzjonijiet li jmiss jew li jifforma koalizzjoni jew alleanza politika li ma tkunx assoċjata mal-Partiti politiċi l-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista.*

***Emendi Kostituzzjonali approvati***

*5. Illi fl-14 ta' April 2021 il-maġġoranza tal-membri tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament Malti ivvutaw biex japprovaw l-Abbozz 119 ta' Liġi bl-isem:*

*"ATT sabiex jemenda 1-Kostituzzjoni ta' Malta u liġijiet oħra sabiex jiżgura ugwaljanza de facto bejn in-nisa u l-irġiel fil-politika."*

*6. Illi l-istess Att jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta billi jintroduċi mekkaniżmu sabiex jingħataw siġġjiet parlamentari addizzjonali għas-sess l-inqas rappreżentat wara elezzjoni ġenerali li tkun ikkontestata minn żewġ partiti politiċi jew aktar u li fihom il-kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti.*

*7. Illi l-bidliet kostituzzjonali jaqraw kif ġej:*

*"Minnufih wara l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni għandu jiżdied dan li ġej:*

*"Siġġijiet addizzjonali għas-sess l-inqas rappreżentat.*

*52A. (1) Jekk f'elezzjoni ġenerali li tkun ikkontestata minn żewġ partiti politiċi jew aktar u li fihom il-kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti jew f'każ ta' riżultat ta' elezzjoni kif provdut fis-subparagrafi (i) u (ii) tal-proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 52 u fil-każ li n-numru ta' Membri tal-Parlament tas-sess l-inqas rappreżentat, elett bis-saħħa tal-artikolu 52, inkluż dawk il-membri eletti f'elezzjoni każwali skont ir-regolamenti rilevanti, huwa inqas minn erbgħin fil-mija (40%) tal-Membri kollha tal-Parlament, allura n-numru ta' Membri tal-Parlament, għandu jiżdied b'mhux aktar minn tnax (12)-il Membru tas-sess l-inqas rappreżentat:*

*Iżda n-numru ta' Membri Parlamentari tas-sess l-inqas rappreżentat elett bis-saħħa tal-artikolu 52 miżjud mal-membri tas-sess l-inqas rappreżentat elett bis-saħħa ta' dan l-artikolu ma għandux jaqbeż l-erbgħin fil-mija (40%) tan-numru totali ta' Membri eletti tal-Parlament li jifforma l-Kamra.*

*Il-kandidati eletti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mqassma ugwalment bejn il-partit b'maġġoranza assoluta jew il-partit b'maġġoranza relattiva u l-partit b'minoranza.*

*(2) Dak il-kandidat jew kandidati għandhom jiġu ddikjarati mill-Kummissjoni Elettorali bħala eletti biex jimlew is-siġġijiet addizzjonali maħluqa mis-subartikolu (1) li jkunu kandidati tal-partit jew tal-partiti li għandhom jiġu kkreditati bis-siġġijiet addizzjonali u li jagħmlu parti mis-sess l-inqas rappreżentat, ġew ikkreditati mill-Kummissjoni Elettorali fl-aħħar għadd bl-ogħla jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli mingħajr ma jkunu ġew eletti, irrispettivament mid-distrett fejn jinkiseb dak l-ogħla numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli"*

*Illi dawn l-emendi ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 t'April 2021 bħala "ATT sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali sabiex jiżgura ugwaljanza de facto bejn in-nisa u l-irġiel fil-politika."*

***Introduzzjoni ta' mekkaniżmu sabiex jingħataw siġġijiet addizjonali fil-Parlament - jidħol fis-seħħ biss jekk jiġu eletti kandidati ta' żewġ partiti***

*8. Illi l-mekkaniżmu surreferit jidħol fis-seħħ biss jekk ikunu ikunu eletti biss il-kandidati ta' żewġ partiti u mhux jekk jiġu eletti kandidati ta' iktar partiti u/jew saħansitra kandidati indipendenti.*

*9. Illi dan il-provvediment tal-liġi hu diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u f'individwi oħra li mhumiex kandidati taż-żewġ partiti, għax jillimita u jirrestrinġi l-inċentivi ta' siġġijiet addizzjonali biss għal dawk il-kandidati li huma assoċjati maż-żewġ partiti li jiġu eletti fil-Parlament u ċioe' dawk tal-Partit Laburista u dawk tal-Partit Nazzjonalista meta jkunu eletti membri ta' żewġ partiti biss.*

*10.Illi dan jista' jirriżulta f'sitwazzjoni fejn kandidati tas-sess l-inqas rappreżentat li huma kandidati taż-żewġ partiti l-kbar u li jkollhom biss ftit voti jistgħu jingħataw siġġijiet addizzjonali, iżda r-rikorrent u kandidati oħra tas-sess l-inqas rappreżentat li jridu jikkandidaw ruħhom bħala entita politika differenti miż-żewġ partiti l-kbar u li jkollhom iktar voti xorta ma jibbenifikawx mill-mekkaniżmu fejn jingħataw siġġijiet addizzjonali.*

***Leżjoni tad-dritt tal-liberta t'assoċjazzjoni***

*11.Illi dan hu xkiel u disinċentiv għal parteċipazzjoni u l-kandidatura tar-rikorrenti u ta' kandidati oħra li jixtiequ jiffurmaw grupp jew alleanza*

*politika differenti għal dawk tal-partit Laburista u/jew Nazzjonalista u li qed jiġu mċaħħdin milli jibbenefikaw mill-mekkaniżmu surreferit u li jistgħu jibbenifikaw minnu esklussivament kandidati Laburisti u Nazzjonalisti u biex jagħti vantaġġ mhux mistħoqq lilhom sempliċiment għax huma affiljati ma' partit kbir.*

*12.Naturalment dan ha jaqta' qalb ir-rikorrent u kandidati oħra tas-sess inqas rappreżentat li jixtiequ joħorġu bħala entita politika li mhix dik tal-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista u hi leżiva tad-dritt tal-liberta t'assoċjazzjoni kif sanċit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif provdut mill-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*13. Illi l-mekkaniżmu in kwistjoni mhuwiex wieħed li huwa ġenwinament intiż biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Parlament għax anke jekk ikun il-każ li r-rikorrent jidentifika bħala membru tas-sess inqas rappreżentat, xorta waħda ma jkunx jista' jibbenefika mill-mekkaniżmu kompensatorju għax dan japplika biss għall-kandidati taż-żewġ partiti rappreżentati fil-parlament. Il-mekkaniżmu mhux wieħed neċessarju jew proporzjonat biex jippromwovi ugwaljanza bejn is-sessi iżda mekkaniżmu biex jipperpetwa d-duwopolju tal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista fil-parlament u jeskludi r-rappreżentanza iktar wiesa u l-kandidatura u opportunitajiet tar-rikorrent. L-istess għan tal-promozzjoni tal-ugwaljanza seta' kien milħuq permezz tal-imposizzjoni ta' miżuri oħra, bħal ma huma l-varar tal-istess ammont ta' kandidati ta' kull ġeneru (balanced party lists)*

***L-emendi Kostituzzjonali imorru kontra d-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa***

*14. Illi inoltre il-mekkaniżmu surreferit imur kontra d-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa hekk kif sanċit mill-Ewwel Protokol tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jipproteġi u jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura.*

*15. Fil-fatt il-mekkaniżmu kumpensatorju jikkostitwixxi interferenza u distorzjoni tal-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fejn il-vot għal kandidati taż-żewġ partiti l-kbar li jiġu eletti fil-parlament jigi ppremjat b'iktar siġġijiet fil-parlament, u għaldaqstant għandu iktar piż minn vot li jingħata lil kandidat li mhux assoċjat maż-żewġ partiti hekk eletti. Dan imur kompletament kontra l-prinċipju ta' suffraġju universali fejn kull persuna għandu dritt għal vot wieħed. Inoltre hemm leżjoni tal-prinċipju ta' rappreżentanza proporzjonali kostituzzjonali.*

*16.Illi huwa ċar ħafna li dan il-mekkaniżmu li suppost hu intiż biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, fil-fatt tippromwovi biss liż-żewġ partiti l-kbar bl-esklużjoni tal-kandidati independenti jew ta' partiti jew alleanzi oħrajn. Dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni politika u mhux meħtieġa fl-ambitu tad-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa. M'hemm ebda korrelazzjoni bejn l-għan dikjarat tal-mekkaniżmu (allegatament biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi għal kull individwu) u l-effett tal-mekkaniżmu introdott - li jintroduċi forma oħra ta' diskriminazzjoni u xkiel fuq l-espressjoni ħielsa tal-votanti.*

*17.Illi din hija wkoll diskriminatorja sia ai termini tal-Àrtikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għax jimponi żvantaġġ sproporzonat u rraġjonevoli fuq ir-rikorrent u kandidati li mhumiex assoċjati maż-żewġ partiti l-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista.*

*18. Illi s-suespost jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-esponenti kif protett bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal- Konvenzjoni Ewropea.*

*Għalhekk, ir-rikorrenti umilment jitlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, l-intimat kiser/illeda id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem għad-dritt ta' elezzjonijiet ħielsa kif provdut f'Artiklu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif ukoll tikkostitwixxi diskriminazzjoni skont l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif provdut f'Artiklu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

2. *Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, l-intimat kiser/illeda id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem rigward il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni kif provdut fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artiklu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

3. *Tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq inkluż id-dikjarazzjoni li l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kull referenza għal Artikolu 52A kemm f'Artiklu 61A2b u Artiklu 662b tal-Kostituzzjoni kif ukoll fir-Regolamenti 21a, Regolament 23a u Regolament 24 u oħrajn Annessi mat-Tlettax-il Skeda Regolament tar-Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) fl-Att Dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, imorru kontra l-Kostituzzjoni u li huma nulli u mingħajr effett.*

2. Rat illi fid-9 ta' Ġunju 2021, l-Avukat tal-Istat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

***EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI:***

*L-eċċezzjonijiet preliminari segwenti qegħdin isiru, kollha kemm huma, mingħajr preġudizzju għal xuxlin.*

*1. Illi l-esponent jeċċepixxi, preliminarjament, illi l-azzjoni ġudizzjarja, kif dedotta, hija oskura u nebolużа għall-aħħar, tant illi hija improponibbli. Dan għaliex it-tliet talbiet tar-rikorrent ma jistgħu qatt jintlaqgħu kollha kemm huma stante illi jippreżupponu l-eżistenza ta' azzjonijiet ġudizzjarji differenti u distinti fin-natura, ix-xorta u l-konsegwenzi tagħhom. L-ewwel żewġ talbiet jikkonċernaw allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li jista' jkollha effett 'inter partes' biss. It-tielet talba tikkostitwixxi 'actio popularis' li jista' jkollha effett 'erga omnes'. Konsegwentement, electa una via non datur recursus ad alteram. Kwindi, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala waħda monka u konsegwentement l-azzjoni kif dedotta hija nulla u bla effett;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u preliminarjament ukoll, l-esponent jeċċepixxi illi r-rikorrent m'għandux interess ġuridiku fit-talbiet u ilmenti kif promossi fir-rikors promotur u dan stante li r-rikorrent ma sofra l-ebda preġudizzju, għaliex il-lanjanza ta' ksur ta' jedd fundamentali bilfors trid tkun allaċċjata mal-preġudizzju li vittma ta' dik il-lanjanza tallega li sofriet. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et, deċiża fil-25 ta' Novembru 2016, "hemm differenza bejn li parti tallega ksur ta' dritt soġġettiv tagħha u li parti tagħmel il-prova tal-ksur ta' dak id-dritt". Ir-rikorrenti, anke in vista tal-fatt li ma kienx hemm elezzjoni ġenerali wara l-approvazzjoni mill-Parlament tal-Att Nru XX tal-2021 u sussegwenti emendi, ma sofra ebda preġudizzju. Għaldaqstant isegwi li l-interess tar-rikorrenti huwa biss wieħed ipotetiku u nieqes għal kollox mill-leġittimazzjoni attiva. Ma huwiex interess ġuridiku attwali kif tirrikjedi l-ġurisprudenza nostrana. L-interess ġuridiku, li huwa presuppost proċedurali essenzjali, jissussisti jekk kemm-il darba r-rikorrenti jitqies li huwa "vittma" ai fini tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema artikolu ma jippermettix ilmenti in abstracto li jallegaw ksur tal-Konvenzjoni (vide Ċentru għal Riżorsi Legali f'isem Valentin Câmpeanu vs Ir-Rumanija [GC], Applikazzjoni numru 47848/08, deċiża fis-17 ta' Lulju 2014) u li sabiex persuna titqies li hija vittma, għandha tipproduċi evidenza konvinċenti tal-probabbiltà li jkun hemm ksur li jaffettwah personalment. Sempliċi suspett jew konġettura mhix biżżejjed (vide Senator Lines GmbH vs fifteen member States of the European Union*

*[GC], Applikazzjoni numru 56672/00 (deċiża fl-10 ta' Marzu 2004)). Ir-rikorrenti m'għandux victim status li permezz tiegħu jista' jivvanta pretensjoni jew jippretendi li jeżerċita xi dritt li ġie leż billi jingħata rimedju għal allegat ksur tal-istess jedd. Tant huwa mankanti l-interess ġuridiku f'dan il-każ illi d-dispożizzjoni relattiva illi r-rikorrent, ex admissis kandidat indipendenti (vide paragrafi 3 u 4 fir-rikors numru 329/21 FDP), qed jittanta jimpunja, tirreferi għall-partiti politiċi u mhux għall-kandidati individwali. Id-dritt u l-interess ta' kandidat fil-proċess elettorali jintemm mal-għeluq tal-proċess tal-Proportional Repreżentation by Single Transferable Vote, fejn jekk kemm-il darba jġib il-kwota fid-distrett li jkun ikkontesta elezzjoni ġenerali fih, jirbaħ siġġu fil-Parlament. Wara l-għeluq ta' dan il-proċess, il-mekkaniżmu pprovdut f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-mekkaniżmu pprovdut fl-artikolu 52A, introdott b'Att Nru XX tal-2021, japplikaw favur il-Partiti Politiċi u mhux favur il-kandidati, fejn il-kandidati jiġu magħżula biex jimlew is-siġġijiet addizzjonali li jkunu akkordati lill-Partiti rispettivi, li magħhom ikunu kkontestaw l-elezzjoni ġenerali. Għaldaqstant isegwi li r-rikorrent, li ddeskriva lilu nnifsu bħala kandidat independenti, ma jista' qatt jallega li sofra xi forma ta' diskriminazzjoni bl-applikazzjoni tal-artikolu 52A tal-Kostituzzjoni, stante li dan l-Artikolu japplika biss għall-Partiti Politiċi u mhux għall-kandidati, irrispettivament jekk humiex independenti jew jekk jikkontestawx elezzjoni f'isem Partit Politiku;*

*3. Ukoll in linea preliminari, l-esponent jeċċepixxi illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja hija biss applikabbli f'Malta limitatament f'dak li jikkonċerna the scope and application of European Union Law, mhux għall-elezzjonijiet ġenerali li huma matters of Member State competence;*

*Illi għalhekk, kuntrarjament għal dak li qiegħed isostni ir-rikorrent, il-Karta tad-Drittijiet ma tapplikax b'mod ġenerali u awtonomu fl-Istati Membri, iżda jrid ikun hemm konnessjoni fundamentali bejn il-liġi domestika kontestata u xi provvediment tad-Dritt ta' l-Unjoni Ewropea li dik il-liġi domestika kontestata tkun qed timplimenta;*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu:***

*L-eċċezzjonijiet segwenti qed isiru mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari surriferiti. L-intimat jirrespinġi l-pretensjonjiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet esposti hawn taħt;*

*4. Illi l-esponent jeċċepixxi illi l-fatti kif iddikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u għaldaqstant l-esponenti qiegħed jelenka l-fatti kif fil-fatt ġraw:*

*Fil-programm elettorali tal-Gvern kien kommess li kellha tibda "diskussjoni dwar miżuri pożittivi li jistgħu jittieħdu sabiex aktar nisa jkunu rappreżentati fil-Parlament". L-istess impenn elettorali kien jgħid li miżuri pożittivi kienu jirrikjedu "riformi anke fil-liġi elettorali b'diskussjoni bejn il-partiti politiċi";*

*Permezz ta' Avviż numru 38 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta numru 20,116, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni ħatret Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva;*

*Il-kumitat wara li ħa in konsiderazzjoni mhux biss l-impenn tal-Gvern ta' Malta, imma wkoll l-impenn ta' Malta bħala stat membru tal-Unjoni Ewropea li qed taħdem biex tottjeni bilanċ fost il-ġeneri fir-rappreżentanza u parteċipazzjoni politika bħala kwistjoni ta' ġustizzja, ugwaljanza u demokrazija u anke l-kuntest li Malta għandha l-inqas rappreżentanza tan-nisa fil-Parlament fl-Unjoni Ewropea, nieda konsultazzjoni pubblika billi anke ppubblika dokument, intitolat "Gender Balance in Parliament Reform", li kien jinkludi l-abbozz ta' liġi proposta;*

*Illi d-dokument ta' konsultazzjoni ppubblikat kien jirrakkomanda inter alia l-introduzzjoni tal-Artikolu 52A fil-Kostituzzjoni ta' Malta, li jintroduċi Mekkaniżmu Korrettiv tal-Ġeneru msejjes fuq il-provvediment kostituzzjonali inkluż f'subartikolu 11 ta' artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jipprovdi għal "miżuri speċjali bil-għan li tiġi aċċellerata l-ugwaljanza de facto bejn irġiel u nisa, u sa fejn biss dawk il-miżuri, meħud kont tat-tessut soċjali ta' Malta, ikunu murija li huma raġjonevolment ġustifikati f'soċjetà demokratika". F'dan il-kuntest kemm il-proposta u anke l-eventwali Att Nru XX tal-2021 approvat mill-Parlament, jipprovdi dik deskritta bħala sunset clause, fejn il-mekkaniżmu pprovdut f'Artikolu 52A ingħata skadenza ta' 20 sena;*

*Dan il-Mekkaniżmu Korrettiv tal-Ġeneru għandu japplika bħala mekkaniżmu addizzjonali għall-Mekkaniżmu Korrettiv, provdut f'Artikolu 52 tal-Kostistuzzjoni ta' Malta, li daħal fis-seħħ b'Att Numru IV tal-1987 u kien ġie emendat b'Att Numru XI tal-1996 u b'Att Numru XXI tal-2007;*

*L-Att Numru XI tal-1996 emenda l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, b'tali mod li f'każ li ebda partit ma jottjeni maġġoranza assoluta, il-mekkaniżmu korrettiv japplika biss "f'elezzjoni ġenerali li tkun kontestata minn aktar minn żewġ partiti politiċi u li fiha jiġu eletti biss kandidati minn tnejn minn dawk il-partiti". Il-leġiżlatur kien ċar fl-intenzjoni tiegħu, hekk kif anke rifless fid-dibatittu parlamentari li wassal għall-approvazzjoni tal-Att Numru XI tal-1996:*

*"Qegħdin niżguraw li fil-każ li żewġ partiti biss itellgħu deputati bis-sistema elettorali li għandna neliminaw il-possibbilta' ta' riżultati perversi minħabba l-konfigurazzjoni tal-konfini".*

*"Mr Speaker, għal din in-naħa jien nikkonferma li l-Oppożizzjoni taqbel u se tivvota favur l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna biex jemenda l-Kostituzzjoni b'mod li anke meta jkun hemm żewġ partiti li jkunu rappreżentati fil-Parlament u wieħed minnhom ikollu maġġoranza relattiva allura jiġi assigurat li dak il-partit li jkollu maġġoranza relattiva jkollu t-tmexxija tal-gvern f'idejh". ;*

*Għaldaqstant u in vista ta' dawn l-iżviluppi Kostituzzjonali, Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta kellu jkun applikabbli wkoll fl-istess kuntest ta' dak provdut f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ċioè fejn "kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti";*

*L-istess dokument ippubblikat għall-konsultazzjoni pubblika jipprovdi li jekk tielet partit jirbaħ siġġijiet parlamentari, ikun jeħtieġ li jiġu kkunsidrati emendi kostituzzjonali biex jindirizzaw din il-possibilità, kemm f'termini tal-Mekkanizmu Korrettiv tal-Maġġoranza, u ċioè dak ipprovdut f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, u kif ukoll tal-Mekkanizmu Korrettiv tal-Ġeneru ipprovdut f'Artikolu 52A ;*

*Is-siġġijiet addizzjonali kkreati b'Artikolu 52A għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partiti rappreżentati fil-Parlament, u dan bl-iskop li r-rieda tal-elettorat f'termini ta' ċifri ta' voti rappreżentati f'siġġijiet, bl-applikazzjoni jew mingħajr tal-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma tkunx mittiefsa bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52A;*

*Jekk kemm-il darba jkun hemm kandidati ta' aktar minn żewġ partiti eletti fil-Kamra tar-Rappreżentanti, il-mekkanizmu pprovdut f'artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma japplikax, anke jekk in-numru ta' Deputati Parlamentari tas-sess sottorappreżentat ikun anqas minn erbgħin fil-mija;*

*5. Illi għaldaqstant isegwi, kif ser jiġi muri iktar 'l isfel (vide paragrafi 20-25) li mhux qed tinħoloq diskriminazzjoni fil-konfront ta' kandidati indipendenti jew tat-tielet partit, stante li l-artikolu 52A ma japplikax f'każ li jkunu eletti kandidati ta' aktar minn żewġ partiti, u mhux japplika fil-konfront ta' wieħed jew tnejn mill-partiti a skapitu ta' tielet partit;*

*6. Illi ma kinitx il-mansjoni tal-Kumitat Tekniku u lanqas l-għan tal-Abbozz mertu ta' din il-kawża illi ssir over-haul tal-artikoli viġenti fil-Kostituzzjoni illi jirregolaw il-mod ta' kif jiġu eletti kandidati f'elezzjoni. Dan l-Abbozz kien intiż biss, kif evidenti kemm mit-titolu tiegħu, kemm mid-dokument li nieda l-konsultazzjoni pubblika, kemm mid-diskussjonijiet parlamentari u kif ukoll mill-mansjoni tal-Kumitat Tekniku,*

*sabiex jipprovdi mekkaniżmu korrettiv li jwassal għal rappreżentanza iżjed ugwali bejn is-sessi fil-Parlament; tir ambizzjuż u li kien jimmerita l-attenzjoni speċifika mingħajr ma jkun dilwit f'diskussjonijiet li jmorru oltre dan l-iskop;*

*7. Illi sakemm l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jibqa' jipprovdi li f'każ li ebda partit ma jottjeni maġġoranza assoluta, il-mekkaniżmu korrettiv japplika biss meta jiġu eletti biss kandidati minn żewġ partiti, l-istess applikazzjoni għandu jkun hemm f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex jekk kemm-il darba kien mod ieħor, tispiċċa tiddisturba r-rieda tal-elettorat espressa b'voti riflessi f'siġġijiet, liema sitwazzjoni tegħleb il-proporzjonalità milħuqa bil-miżuri speċjali introdotti bl-Att Nru XX tal-2021 bil-għan leġittimu li tkun aċċellerata l-ugwaljanza de facto bejn irġiel u nisa fil-Parlament Malti, b'konformità ma' subartikolu 11 tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*8. Illi l-Artikolu 52A, eccetto xi emendi li saru b'riżultat tal-konsultazzjoni pubblika u l-proċess parlamentari, nhar l-14 t'April 2021, ġie approvat mill-Kamra tad-Deputati kważi unanimament, b'żewġ voti biss kontra. F'dan l-isfond, kważi r-rappreżentanti kollha tal-poplu Malti, leġittimament magħżula mill-poplu stess, qablu mal-liġi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ċertament illi għandu jingħata piż lill-eżerċizzju demokratiku li wassal għall-promulgazzjoni tal-provvediment mertu ta' din il-kawża;*

***ALLEGATA LEŻJONI TAD-DRITT GĦAL-LIBERTA` T'ASSOĊJAZZJONI:***

*9. Illi l-esponent jirrileva illi l-libertà tal-assoċjazzjoni hija element essenzjali għat-tħaddim tad-demokrazja. L-artikolu 52A tal-Kostituzzjoni bl-ebda mod assolutament ma jipprojbixxi jew jimpedixxi t-twaqqif ta' xi assoċjazzjoni jew ta' xi partit politiku u bl-ebda mod assolutament ma jostakola d-dritt ta' persuna li tassoċja ruħha ma' oħrajn. Il-fatt illi r-regoli ta' aġġustament tan-numru tal-membri parlamentari għall-iskop ta' korrezzjoni ta' nuqqas ta' ugwaljanza tal-ġeneru fil-Parlament jiskattaw biss (wara elezzjoni) jekk fil-Parlament ikunu ġew eletti kandidati ta' żewġ partiti biss bl-ebda mod ma jippreġudika l-libertà t'assoċjazzjoni;*

*10.Illi l-esponent jirrespinġi l-argument tar-rikorrent fis-sens illi minħabba l-emendi, kandidati prospettivi aktar jitħajru jassoċjaw irwieħhom ma' partit kbir, stante li dan lanqas ma jfisser illi dik in-nuqqas ta' ġibda lejn partiti żgħar (jekk verament teżisti għar-raġuni miġjuba mir-rikorrent) hija l-frott ta' xi restrizzjoni fuq il-libertà tal-assoċjazzjoni. Huma l-prinċipji politiċi, u mhux eżerċizzju matematiku maħdum ħażin, kif qed jittanta jagħmel ir-rikorrent, illi jwasslu individwu sabiex jagħżel il-partit li miegħu għandu jikkontesta elezzjoni;*

*11.Għalhekk ma hemm xejn f'dak allegat mir-rikorrent illi jippreżenta anke l-apparenza ta' vjolazzjoni tad-dritt ta' assoċjazzjoni, inkluż ta' xi obbligu pożittiv tal-Istat li jissalvagwardja l-eżerċizzju ta' dak id-dritt;*

*12.Illi l-esponent jirrileva illi l-Att Nru XX tal-2021 ma biddel xejn fil-proċess elettorali u kull persuna kwalifikata ai termini ta' Artikolu 53 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mhux skwalifikabbli ai termini ta' Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tista' liberament tikkontesta elezzjoni ġenerali u daqstant ieħor tali persuna tista' tassoċja ruħha ma' kandidati oħrajn;*

*13.Illi l-esponent jirrileva wkoll illi fl-istess waqt, l-elettur se jibqa' jivvota liberament għal liema kandidat irid, ta' liema partit irid u jista' jaqleb minn partit għal partit fl-għażla tiegħu. Dan jista' jagħmlu mingħajr ma jwassal biex b'xi mod, is-siwi tal-vot tiegħu fl-għażla tad-deputati fil-Parlament jiġi mnaqqas jew imnaqqar, wisq inqas ser jiġi ppreġudikat;*

***ALLEGAT KSUR TAD-DRITT GĦALL-ELEZZJONIJIET ĦIELSA:***

*14.Illi l-esponent jirrileva illi d-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa huwa dritt protett mill-Artikolu 3 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja li huwa definit f'dawn it-termini:*

*"The High Contracting Parties undertake to hold free elections at reasonable intervals by secret ballot, under conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature."*

*Dan l-artikolu ġie nterpretat mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem bħala li jinkludi l-prinċipju tat-trattament ugwali taċ-ċittadini kollha. Però ġie ritenut ukoll ripetutament mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem illi dan ma jfissirx illi l-voti kollha għandu bilfors ikollhom l-istess influwenza jew piż fuq ir-riżultat elettorali jew li l-kandidati kollha f'elezzjoni għandu jkollhom opportunità ugwali li jiġu eletti. Fil-fatt f'sistemi elettorali wieħed isib 'voti moħlija' (vide Patrija "Jaune Demokrati" u Patria "Musu Zeme" vs Latvia, Applikazzjonijiet Numru 10547/07 u kif ukoll 34049/07 deċiża fid-29 ta' Novembru 2007 mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem) u dan il-fatt per se ma jivvjolax l-artikolu 3. L-importanti hu illi l-vot ta' kull elettur ikollu l-possibilità li jinfluwenza l-kompożizzjoni tal-organu leġiżlattiv (vide Riza and Others vs Bulgaria, Applikazzjonijiet Numri 48555/10 u kif ukoll 48377/10, deċiża fit-13 ta' Ottubru 2015 mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem);*

*15.Illi huwa rikonoxxut illi s-sistemi elettorali jippruvaw jirrikonċiljaw għanijiet li xi drabi jkunu diffiċilment kompatibbli ma' xulxin. Minn naħa dawn iridu jirriflettu l-opinjonijiet u l-għażliet tal-poplu u mill-banda l-oħra huma xi drabi tenuti li jagħmlu dan b'mod li jgħinu fl-evolviment ta' rieda politika ċara u koerenti;*

*16.Illi l-esponent jissottolinja illi l-emendi ntrodotti bl-Att XX tal-2021 bl-ebda mod ma jivvjolaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protocol. Dawn ma jżommu jew jimpedixxu lil ħadd milli jivvota u ma jżommu jew jimpedixxu lil ħadd milli jikkontesta l-elezzjoni ab initio. Lanqas ma jżommu lil ħadd li jiġi elett milli jieħu s-siġġu tiegħu fil-Parlament;*

*17.Illi l-għan tal-emendi huwa wieħed perfettament leġittimu, u ċioè dak li jippromwovi l-ugwaljanza tal-ġeneru u b'mod partikolari, l-emendi impunjati huma ntiżi sabiex jisfidaw u tabilħaqq jikkumbattu l-perċezzjoni illi l-irwol tan-nisa huwa wieħed sekondarju għal dak tal-irġiel (vide ukoll f'dan ir-rigward "Staatkundig Gereformeerde Partij vs The Netherlands, Applikazzjoni Numru 58369/10, deċiża fl-10 ta' Lulju 2012 mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem);*

*18.Il-fatt illi l-miżuri korrettivi pprovduti fl-artikoli 52 (dwar proporzjonalità ta' siġġijiet u voti) u 52A (dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru) tal-Kostituzzjoni jiskattaw biss fil-każ illi x-xenarju politiku li jirriżulta wara elezzjoni ġenerali ma jkunx frammentat (u ċioè ikun hemm żewġ partiti biss li jeleġġu membri fil-Parlament) għandu wkoll l-għan leġittimu li dawn il-mekkaniżmi korrettivi ma jispiċċawx biex ikunu huma stess strumenti għall-frammentazzjoni tax-xenarju politiku. Dan apparti l-fatt illi l-istess mekkaniżmi huma diffiċli iżjed biex jiġu mplimentati ġustament f'sitwazzjoni ta' ħafna partiti fil-Parlament. Madankollu dawn il-mekkaniżimi ma jnaqqsu xejn mill-possibilità li xi persuna jew li kandidati ta' xi partit, żgħir jew kbir, jiġu eletti fil-Parlament. Għalhekk il-fatt illi l-mekkaniżmi jiskattaw biss f'sitwazzjoni ta' Parlament b'rappreżentanza ta' żewġ partiti bl-ebda mod ma jivvjola l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protocol. Dan peress illi l-Kostituzzjoni xorta tippreżerva l-libertà u l-ġustizzja tal-elezzjoni ġenerali skont l-istess artikolu. Il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem innifisha ddeterminat illi emendi magħmula bil-għan leġittimu illi tkun ippriżervata l-istruttura tal-Parlament la huma sproporzjonati u lanqas huma leżivi tal-liberta` tal-espressjoni u tad-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa imħares fil-Konvenzjoni Ewroprea għad-Drittijiet tal-Bniedem (vide Cernea vs Romania, Applikazzjoni Numru 43609/10, deċiża fis-27 ta' Mejju 2018 mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem);*

*19.Illi l-esponent isostni illi bid-dħul fis-seħħ ta' l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, f'elezzjoni ġenerali, l-Istat Malti huwa xorta*

*obbligat josserva rigorożament l-obbligu tiegħu għal finijiet tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, b'tali mod li jinżammu "elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura";*

*Għalhekk id-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa ma huwiex leż bl-emendi impunjati;*

***ALLEGAZZJONI TA' DISKRIMINAZZJONI:***

*20.Isegwi neċessarjament illi jekk ma tissussisti l-ebda leżjoni tad-drittijiet fuq imsemmija, ma jista' qatt jissussisti att diskriminatorju għaliex il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni ma hijiex stand alone provision iżda hija 'a conventional parasitic provision';*

*21.Illi l-esponent jeċċepixxi illi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma jiddiskriminaw kontra xi persuna jew assoċjazzjoni, u dan wisq inqas fuq bażi ta' xi raġuni msemmija fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja (bħal ma huma l-karatteristiċi protetti, jiġifieri s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali);*

*22.Il-fatt illi partit, ikun ta' liema opinjoni jkun, li ma jkunx eleġġa kandidati fil-Parlament ma jiġix allokat siġġijiet fil-Parlament bħala riżultat ta' mekkaniżmu korrettiv ma jfissirx li dak il-partit qed jiġi diskriminat;*

*23.Illi di piu', il-fatt li dak il-mekkaniżmu korrettiv japplika biss għal partiti li jkunu eleġġew kandidati u f'sitwazzjoni fejn żewġ partiti biss ikunu eleġġew kandidati lanqas ma jikkostitwixxi diskriminazzjoni per se, speċjalment jekk teżisti raġuni oġġettiva għal tali differenzjament, dato ma non concesso li jeżisti tali differenzjament. Dan kemm għax hemm differenza oġġettiva bejn partiti li jkunu eleġġew kandidati u oħrajn li ma jkunux, kemm għax l-emendi kostituzzjonali bl-ebda mod ma jiddistingwu bejn l-opinjonijiet imħaddna mill-partiti li jkunu jew ma jkunux eleġġew membri parlamentari, kif ukoll għax huwa oġġettivament ġustifikabbli illi l-mekkaniżmi jiskattaw biss f'ċirkostanzi ta' assenza ta' frammentazzjoni tax-xenarju parlamentari. Inoltre, ċ-ċirkostanzi taż-żewġ partiti l-kbar minn naħa l-waħda, u dawk tal-partiti ż-żgħar minn naħa l-oħra ma*

*humiex analogous, kif tirrikjedi l-ġurisprudenza Ewropeja. Iridu jiġu ipparagunati like with like fil-kuntest ta' allegata diskriminazzjoni;*

*24.Illi lanqas ma jista' jingħad illi kandidat indipendenti jew mit-tielet partit qiegħed jiġi żvantaġġjat b'mod diskriminatorju ġialadarba l-mekkaniżmu korrettiv, f'każ illi jiġi elett kandidat indipendenti jew mit-tielet partit, ma japplikax kemm għall-kandidati miż-żewġ partiti l-kbar kif ukoll għall-kandidat jew kandidati indipendenti jew mit-tielet partit. Għaldaqstant ma ssir l-ebda distinzjoni bejn il-kandidati ta' kwalunkwe partit jekk kandidat jew kandidati indipendenti jew mit-tielet partit jiġu eletti;*

*25.Illi għalhekk anke l-pretensjonijiet ibbażati fuq id-dritt għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni huma għal kollox infondati;*

***KONKLUŻJONI:***

*26.Għaldaqstant, għar-raġunijiet surriferiti, kemm individwalment iżda speċjalment kumulattivament, l-intimat umilment jissottometti illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

*27.Salv eċċezzjonjiet oħra.*

3. Rat illi fis-16 ta' Ġunju 2021, bi qbil bejn il-partijiet, il-kawża ġiet differita għas-smigħ tal-provi u trattazzjoni in konnessjoni ma' l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat.

4. Rat l-affidavit ta' **Dr Claire Azzopardi Lane**, ippreżentat mir-rikorrent fis-16 ta' Ġunju 2021. (fol 16)

5. Rat l-affidavit ta' **Victoria Attard Kingswell**, ippreżentat mir-rikorrent fis-16 ta' Ġunju 2021. (fol 17)

6. Rat l-affidavit ta' **Dr Claire Bonello**, ippreżentat mir-rikorrent fis-6 ta' Lulju 2021. (fol 21)

7. Rat l-affidavit tar-rikorrent, **il-Professur Arnold Cassola**, ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2021. (fol 24)

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Jonathan Attard**, Membru tal-Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-6 ta' Lulju 2021. (fol 48)

9. Semgħet ix-xhieda tal-**Professur Carmen Sammut**, Chairperson tal-Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-6 ta' Lulju 2021. (fol 58)

10. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2021 ir-rikorrenti għarraf lill-Qorti li ma kellux aktar provi dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet.

11. Semgħet ix-xhieda tal-**Kummisjonarju Elettorali Prinċipali Joseph Camilleri** prodott mill-intimat u mogħtija fit-2 ta' Settembru 2021.

12. Rat illi fit-2 ta' Settembru 2021, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

13. Rat illi fit-2 ta' Settembru 2021, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet, liema sottomissjonijiet ġew debitament ippreżentati fl-4 ta' Ottubru 2021.

14. Rat illi fil-5 ta' Ottubru 2021, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimat dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet, liema sotttomissjonijiet ġew debitament ippreżentati fid-29 ta' Novembru 2021.

15. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2021 il-kawża ġiet differita għal-lum għal sentenza dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

16. Jirriżulta, mill-korp tar-rikors promotur intavolat mir-rikorrent fil-konfront tal-Avukat tal-Istat, illi l-ilment ta' l-istess rikorrent jirrigwarda l-promulgazzjoni tal-Artikolu 52A fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jirrigwardaw l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu li tipprovdi għal siġġijiet addizzjonali għas-sess l-inqas rappreżentat w il-fatt illi tali mekkaniżmu jiskatta biss f'każ illi jkunu eletti kandidati minn żewġ partiti biss, liema fatt ir-rikorrent jikkontendi jilledi d-drittijiet u libertajiet fondamentali tiegħu.

17. Jirriżulta wkoll illi, abbażi ta' tali ilment, huwa talab lil dina l-Qorti tlett affarijiet distinti, li huma s-segwenti:

    a. Tiddikjara illi tali fatt:

        i. Tikser id-drittijiet tiegħu għal elezzjoni ħielsa a tenur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

        ii. Tikkostitwixxi diskriminazzjoni skond:

            1. L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

3. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea .

b. Tiddikjara illi tali fatt tikser d-dritt tiegħu tal-liberta' ta' għaqda u assoċjazzjoni skond:

i. L-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

ii. L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

iii. L-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

c. Tagħti kull rimedju inkluż li tiddikjara illi l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u r-Regolament 21A tat-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354) imorru kontra l-Kostituzzjoni u li għalhekk huma nulli u mingħajr effett.

18. Jirriżulta illi l-Avukat tal-Istat, fid-difiża tiegħu, ressaq eċċezzjonijiet, kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-meritu.

19. Jirriżulta illi fl-ewwel seduta, il-partijiet qablu illi l-ewwel kellhom jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat, u għalhekk ipproċedew illi jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat, liema eċċezzjonijiet issa ser jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti permezz tad-deċiżjoni odjerna.

20. Jirriżulta illi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat kienu tlieta, u jqajjmu d-difiżi segwenti:

a. L-azzjoni hija waħda monka u għalhekk nulla u bla effett, peress illi filwaqt li l-ewwel żewġ talbiet qed titlob għal rimedju '*inter partes*', it-tielet talba qed titlob għal rimedju '*erga omnes*', liema fatt jippresupponi eżistenza ta' azzjonijiet ġudizzjarji differenti u distinti fin-natura, xorta u konsegwenza tagħhom, fatt illi ma jista' qatt ikun proponibbli kontestwalment fl-istess azzjoni ġudizzjarja.

b. Ir-rikorrent ma għandhux interess ġuridiku peress illi l-interess tar-rikorrent huwa wieħed ipotetiku u nieqes għal kollox mill-leġitimazzjoni attiva u ma jistax jitqies bħala "vittma" ai fini tal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

c. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja ma hijiex applikabbli fejn tirrigwarda elezzjonijiet ġenerali stante illi dawna huma kwistjoni ta' kompetenza esklussiva tal-pajjiż Membru tal-Unjoni Ewropea.

21. Ikun opportun, f'dana l-istadju, illi l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra t-tlett eċċezzjonijiet mressqa mill-Avukat tal-Istat.

## A. Azzjoni improponibbli

22. L-Avukat tal-Istat, fid-difiża minnu mressqa, kif ukoll fis-sottomissjonijiet bil-miktub minnu redatti, jisħaq illi r-rikorrent, permezz ta' l-azzjoni odjerna, ressaq żewġ tipi ta' proċeduri differenti f'azzjoni waħda, ossija waħda ta' natura '*inter partes*', abbażi tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u waħda ta' natura '*erga omnes*' abbażi tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

23. L-Avukat tal-Istat jippremetti illi, filwaqt li ż-żewġ azzjonijiet huma nebolużi kif redatti, insista li r-rikorrenti ma setax jagħmel taħlita ta' azzjonijiet f'kawża waħda, liema talbiet kienu effettivament alternattivi u kunfliġġenti, u dana abbażi tal-prinċipju *electa una via non datum recursus ad alteram*.

24. Kien għalhekk illi l-Avukat tal-Istat insista illi l-azzjoni tar-rikorrenti, kif redatti mir-rikorrent, kienet improponibbli u għaldaqstant nulla u bla effett.

25. Ir-rikorrent, da parte tiegħu, tramite is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tiegħu, ikkontenda li, a differenza ta' dak allegat mill-intimat, t-talbiet minnu mressqa huma kumplimentari u mhux konfliġġenti, u saħaq illi permezz tat-tielet talba tiegħu, huwa talab lil Qorti tipprovdilu "*kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha*", u fost dawna rimedji, indika l-possibbilta' li l-Qorti tiddikjara il-liġi nulla u bla effett.

26. Ir-rikorrent issottometta illi t-talba sabiex il-Liġi tiġi dikjarata nulla, u għalhekk l-applikazzjoni tal-effetti *erga omnes* indikat mill-intimat, hija biss waħda mir-rimedji minnu mitlub u li hija marbuta intrinsikament mat-talba prinċipali tiegħu, ossija illi d-drittijiet tiegħu ġew leżi riżultat tal-Liġi illi huwa qiegħed jilmenta dwaru.

27. Finalment, ir-rikorrent saħaq fis-sottomissjonijiet tiegħu illi "*huwa ċar li din hi azzjoni ibbażata fuq il-ksur tad-drittijiet skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni*", liema Artikolu jagħti dritt lil "*kull persuna li tallega xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qiegħda tiġi jew tkun x'aktarx sejra tiġi miksura dwarha*".

28. Il-Qorti, għalhekk tifhem, kif ċċarat mir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu, illi l-azzjoni prinċipali tiegħu hija imperjata fuq id-dritt mogħti lilu fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, ossija dak indikat fl-ewwel żewġ talbiet tiegħu, u għalhekk it-talba tan-nullita' tal-Ligi u l-applikabilita tar-regoli 'erga omnes' tapplika biss f'każ illi

jinstab li hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti abbażi tal-azzjoni tiegħu intavolata a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

**Ikkunsidrat**

29. L-Avukat tal-Istat, fis-sottomissjonijiet erduti tiegħu, jibbaża l-argument tiegħu fuq ġurisprudenza nostrana u jagħmel referenza, fost każistika oħra, għal dak li ġie ritenut li mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 1998 fl-ismijiet "**Frendo Randon noe vs Salomone**":

> *"... meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta' l-azzjoni odjerna dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri ċar li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi 'ab initio' la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' oħra. Bħal li kieku dawn iwasslu għal rimedju wieħed meta dan mhux hekk għaliex it-tnejn huma distinti waħda mill-oħra. Isegwi għalhekk li mhux leċitu li tgħaqqad azzjoni ma' oħra ... Meta l-pożizzjoni hija tali jirriżulta kjarament illi l-proċedura tal-attur kienet waħda irrita u nulla."*

30. Kif korrettement osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża fuq ċitata, r-regola hemm stabbilita tapplika jekk ikun hemm żewġ talbiet kontradittorji. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża "Capua Palace Ltd. vs Arcidiacono Boris" deċiża fil-31 ta' Jannar 2003 fejn, dwar l-eżistenza ta' kontradizzjoni bejn it-talbiet u l-premessi ġie osservat illi:

> *"Fejn hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita` ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita` huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*
>
> *"Hu neċessarju li jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġjonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut".*

31. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi, kif ġie ċċarat u spjegat fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-miktub, jidher li hemm konnessjoni bejn it-talba prinċipali tar-rikorrent magħmula abbażi tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, ossija dik tal-ksur tad-drittijiet tiegħu, u t-talba anċillari magħmula abbażi tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, ossija dik illi l-Liġi hija nulla u bla effett, u dana peress illi, kif dikjarat mir-rikorrenti stess, t-talba a tenur tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni hija kumplimentari u mhux konfliġġenti ma' l-ewwel talba magħmula abbażi tal-

Artikolu 46, u li l-applikabbilita tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni hija biss waħda mir-rimedji proponibbli u hija suġġetta għas-sejbien ta' ksur ta' dritt tar-rikorrent da parte ta' dina l-Qorti.

32. Għalhekk, il-Qorti tifhem illi t-talba prinċipali tar-rikorrenti hija waħda msejsa fuq id-dritt lilu mogħti bl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jitlob il-Qorti għal rimedju abbażi ta' ksur li "*tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura*", u għalhekk kwalsiasi talba oħra li għamel ir-rikorrent, inkluż dik abbażi tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, hija intrinsikament konnessa u kumplimentarji għall-azzjoni prinċipali tar-rikorrent – ossija dik intentata abbażi tal-Artikolu 46.

**33. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma jeżistux il-presupposti sabiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat tal-Istat u għalhekk tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari.**

## B. In-nuqqas ta' interess ġuridku tar-rikorrent

34. L-Avukat tal-Istat, kemm fid-difiża tiegħu kif ukoll fis-sottomissjonijiet tiegħu, jikkontendi illi l-interess ġuridiku huwa presuppost proċesswali neċessarju sabiex persuna tippromwovi kawżi abbażi tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, bħal dik odjerna, u jinsisti li r-rikorrent m'għandux l-interess ġuridku personali neċessarju sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna.

35. Biex jiġġustifika tali argument, l-Avukat tal-Istat, jagħmel referenza għal kawża **Joseph Agius vs Ellul Vincenti**, deċiża fil-21 ta' Ottuubru 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fejn il-Qorti stqarret li:

> *"l-interess li jrid ikun jeżisti fl-attur huwa interess dirett, leġittimu u attwali".*

36. L-Avukat tal-Istat jagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2018 fil-kawża '**Onor Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali et**' fejn jikkwotaha tgħid:

> *"Fi kliem ieħor, irid juri interess ġuridiku jew – fl-lingwaġġ tal-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni – li huwa "vittma" għax, kif wara kollox sewwa qalet l-ewwel qorti, din ta' llum ma hijex actio popolaris ...*
>
> *Fil-każ ta' llum l-interess tal-attur huwa l-interess ta' kull ċittadin li jara li l-liġi titħares iżda, billi din ma hijiex actio popolaris, dan ma huwiex biżżejjed biex jagħtih il-leġittimazzjoni biex jista'."*

37. L-Avukat tal-Istat jikkontendi illi x-xewqa li wieħed jieħu sehem fl-elezzjoni li jmiss ma jissodisfax il-kriterju tal-interess ġuridku attwali u neċessarji biex wieħed jintavola l-azzjoni odjerna, aktar u aktar in vista tal-fatt illi, sa issa, ma ssejħet ebda elezzjoni ġenerali u għadu mhux magħruf meta dina ser tissejjaħ.

38. L-Avukat tal-Istat jirreferi wkoll għax-xhieda prodotta mir-rikorrent stess, partikolament il-Professur Carmen Sammut, li kienet iċ-Chairperson tal-Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva li ddiskuta, ppromwova u finalment irrelatat permezz ta’ Rapport dettaljat, dwar l-emendi meħtieġa u li wasslu għall-leġislazzjoni li r-rikorrent qiegħed issa jipprova jimpunja, u saħaq li, kif xehdet l-istess Professur Sammut, ir-rikorrent, tul il-proċess kollu tal-konsultazzjoni dwar l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu li r-rikorrent qiegħed issa jattakka, qatt ma involva ruħu f’ebda diskussjonijiet u qatt ma kkomunika bl-ebda mod mal-istess Kumitat, minkejja illi dana kien miftuħ għall-pubbliku għall-perjodu twil ta’ żmien u saru konsultazzjonijiet varji ma’ kull min ried jagħti kontribut – ir-rikorrent qatt ma ħass il-ħtieġa illi jagħti l-kontribut tiegħu, abbażi ta’ liema nuqqas l-Avukat tal-Istat jikkontendi li dina hija turija ċara li r-rikorrent qatt ma kellu interess f’din il-kwistjoni u għalhekk ma jistax issa jikkontendi li għandu interess ġuridiku sabiex jikkontesta l-validita’ kostituzzjonali ta’ liġi li dwarha huwa qatt ma wera ebda interess li joġġezzjona dwarha waqt li kienu għaddejjin il-konsultazzjonijiet.

39. Finalment, l-Avukat tal-Istat jirrileva li l-fatt li r-rikorrent ipproduċa bħala xhieda lil Dr Claire Azzopardi Lane u Dr Victoria Attard Kingswell, fejn dawna ikkontendew li l-liġi l-ġdida tilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom bħala kandidati tas-sess femminili, ma tfissirx illi r-rikorrent għandu interess personali, dirett u leġittimu biex jikkontesta l-effetti tal-Liġi, peress illi x-xhieda minnu prodotti la huma parti mill-proċeduri odjerni u wisq anqas ma huma kandidati stante illi l-Elezzjoni għadha ma ssejjħitx.

40. Ir-rikorrent Arnold Cassola, da parte tiegħu, fis-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur tiegħu, in sostenn tat-teżi tiegħu u bħala reazzjoni għad-difiża mqajjma mill-Avukat tal-Istat, jikkontendi illi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tippermetti lil kull persuna li kellha d-dritt tagħha leż, jew li qed jiġi leż jew li **<u>jaf li jkun leż</u>**, sabiex tipproċedi bl-azzjoni odjerna, u għalhekk jikkontendi li, abbażi ta’ tali fatt, huwa għandu jitqies li għandu interess ġuridiku.

41. Ir-rikorrent, di fatti, jikkontendi illi l-mekkaniżmu l-ġdid introdott fl-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni “*jagħti l-poter tal-għażla ta’ min jista’ jiġi co-opted f'idejn il-Parlament, u ma jħallix lill-votanti jesprimu ruħhom f’dan is-sens. Dan minnu nnifsu huwa abbuż tal-poter mill-Parlament li qed imur oltre l-mandat tiegħu u jaqleb ta’ taħt s-sistema demokratika ta’ suffraġju universali.*”

42. Ir-rikorrent jikkontendi wkoll illi tali mekkaniżmu jilledi d-dritt tiegħu tal-liberta ta’ għaqda u assoċjazzjoni peress illi, kif indikat fis-sottomissjonijiet, “ *kull persuna tal-ġeneru femminili li r-rikorrent avviċina, minkejja li kienu preċedentement interessati biex jikkollaboraw fi grupp bħala kandidati elettorali, wara li għaddiet il-miżura ta' co-option mill-parlament, kollha rtiraw l-interess tagħhom minħabba l-effett tal-mekkaniżmu korrettiv tal-ġeneru li jiddiskrimina kontrihom u jeskludihom għal kollox mill-possibbilta' ta' co-option, unikament għar-raġuni li ma kinux ser jikkontestaw l-elezzjoni f'isem il-PN jew PL.* ”

43. Ir-rikorrent, għalhekk jikkontendi illi l-liġijiet u regolamenti, kif imfasslin, jilledu d-drittijiet fondamentali tiegħu, bir-riżultat illi l-unika rimedju illi huwa għandu huwa li jagħmel użu mid-dritt mogħti lilu fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u jikkontesta l-kostituzzjonali ta' tali Ligi.

**Ikkunsidrat**

44. Il-Qorti tosserva illi l-ġurisprudenza lokali dwar interess ġuridiku hija waħda kostanti u diversi kienu dawk is-sentenzi li rreferew għall-elementi li jeħtieġ jiġu sodisfatti sabiex jiġi stabbilit l-interess ġuridiku meħtieġ mill-parti li tipproponi l-azzjoni.

45. Fis-sentenza **John Muscat et vs. Rachelle Buttiġieg et** il-Qorti Ċivili, Prim' Awla saħqet li:

> *"L-interess irid ikun;*
>
> *a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-eżistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu;*
>
> *b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, ħlief l-azzjoni popolari;*
>
> *c) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

46. Tali elementi komplew jiġu żviluppati fis-sentenza **Emilio Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tiegħu bħala Uffiċċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni** fejn il-Prim' Awla stqarret li:

> *Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess tal-attur f'kawża huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid ikun <u>ġuridiku</u>, li l-interess irid ikun <u>dirett u personali</u> u li dak l-interess ikun <u>attwali</u>. B'tal-ewwel, wieħed jifhem li dak l-interess għandu jkollu mqar iż-żerriegħa ta' l-eżistenza ta' jedd u l-ħtieġa li tilqa' għal kull attentat ta' ksur tiegħu minn ħaddieħor. Dan l-interess m'hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per eżempju, Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Falzon Sant Manduca vs Weale, maqtugħa fid-9 ta' Jannar, 1959, Kollezz: Vol: XLIII.i.1];*
>
> *Illi minbarra dawn l-elementi, ġie mfisser ukoll li biex wieħed ikollu interess li jiftaħ kawża, dak l-interess (jew aħjar il-motiv) tat-talba <u>għandu jkun konkret u jeżisti fil-konfront ta' dak li kontra tiegħu t-talba ssir</u> [ara, per eżempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) mogħtija fit-13 ta' Marzu,*

*1992, fil-kawża fl-ismijiet Francis Tonna vs Vincent Grixti, Kollez. Volum: LXXVI.iii.592].*

47. Sentenza oħra rilevanti illi elenkat l-prinċipji li jikkwalifikaw l-interess ġuridiku hija dik mogħtija fit-28 ta' Novembru 2003 mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Agatha Formosa Gauci vs. Dr Francis Lanfranco et** (App Ċiv 621/2001), fejn elenkat is-segwenti prinċipji essenzjali:

*(i) l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali.*

*(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;*

*(iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmula kontriha;*

*(iv) l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;*

*(v) l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;*

*(vi) l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;*

*(vii) fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromwovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'il quddiem;*

*(viii) l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku;*

*(ix) jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda llegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ."*

48. Il-Qorti tirrileva illi l-kwistjoni ta' interess ġuridku ġiet anke kkunsidrata mill-Qrati ta' kompetenza Kostituzzjonali, u hawnhekk issir referenza għall-kawża **Eve sive Evette Agius et vs. l-Awtorità tal-Artijiet et** (LSO) deċiża fil-5 ta' Ottubru 2017 fejn ġie osservat illi :

*"l-interess ġuridiku f'kawżi bħal dik odjerna jirriżulta lil kull persuna li tallega li xi dritt kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura (art. 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Huwa risaput ukoll li l-element tal-interess ġuridiku fil-kuntest ta' kawżi għat-tfittxija ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa marbut mal-kunċett ta' vittma. Dan il-kunċett f'termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wieħed awtonomu, li jingħata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (ECtHR) indipendentement mill-interpretazzjoni mogħtija fil-liġi domestika.*

*'The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary'. [Harris O'Boyle & Warbrick - op cit 3rd ed. p 84.]*

*L-istess awturi huma tal-opinjoni li l-Qorti ta' Strasbourg ma tippermettix action popolaris 'nor may the Convention form the basis of a claim in abstracto that a particular law of even constitutional provision contravenes the Convention'. Din hija wkoll il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni tagħna li ma tippermettix l-actio popolaris għat-tfittxija ta' protezzjoni minn leżjoni attwali jew probabbli ta' drittijiet fundamentali (vide ad es. il-każ suċitat Conrad Axisa et v Avukat Ġenerali et).*

*Isegwi li meta l-interess ġuridiku jiġi kkunstrastat jeħtieġ li jiġi ppruvat bħala f'azzjoni dwar allegat vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fondamentali."*

49. Il-Qorti issa tgħaddi biex tikkunsidra l-posizzjoni ta' "victim", kif kkonsidrata mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem ġewwa Strasburgu, u tqis illi għandha tagħmel referenza estensiva għal 'Practical guide on admissibility criteria' ippubblikat mir-Registry ta' l-istess Qorti li jinsab aġġornat sal-1 ta' Awissu 2021.

50. Dwar il-prinċipju u definizzjoni ta' "victim", kif ikkunsidrata mill-Qrati ta' Strasburgu, jingħad is-segwenti:

*18. The word "victim", in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly or indirectly affected by the alleged violation. Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (**Vallianatos and Others v. Greece** [GC], § 47). The notion of "victim" is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (**Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain**, § 35), even thougħ the Court should have regard to the fact that an applicant was a party to the domestic proceedings (**Aksu v. Turkey** [GC], § 52; **Micallef v. Malta** [GC], § 48; **Bursa Barosu Başkanliği and Others v. Turkey**, §§ 109-117). It does not imply the existence of prejudice (**Brumărescu v. Romania** [GC], § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (**Monnat v. Switzerland**, § 33).*

*19. The interpretation of the term "victim" is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (ibid., §§ 30-33; **Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain**, § 38; **Stukus and Others v. Poland**, § 35; **Ziętal v. Poland**, §§ 54-59). The Court has held that the issue of victim status may be linked to the merits of the case (**Siliadin v. France**, § 63; **Hirsi Jamaa and Others v. Italy** [GC], § 111). The Court can examine the question of victim status and locus standi ex officio, since it concerns a matter which goes to the Court's jurisdiction (**Buzadji v. the Republic of Moldova** [GC], § 70; **Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland** [GC], § 93; **Unifaun Theatre Productions Limited and Others v. Malta, §§ 63-66; Jakovljević v. Serbia** (dec.), § 29).*

*20. The distribution of the burden of proof is intrinsically linked to the specificity of the facts, the nature of the allegation made and the Convention right at stake (**N.D. and N.T. v. Spain** [GC], §§ 83-88)*

51. Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem tgħaddi biex tikkunsidra żewġ tipi ta' vittmi – '*Direct Victim*' u '*Indirect Victim*'.

52. Dwar '*Direct Victim*', ir-rassenja fuq imsemmija tgħid dan li ġej:

*21. In order to be able to lodge an application in accordance with Article 34, an applicant must be able to show that he or she was "directly affected" by the measure complained of (**Tănase v. Moldova** [GC], § 104; **Burden v. the United Kingdom** [GC], § 33; **Lambert and Others v. France** [GC], § 89). <u>This is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion</u> (**Hristozov and Others v. Bulgaria**, § 73), although this criterion is not to be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the proceedings (**Micallef v. Malta** [GC], § 45; **Karner v. Austria**, § 25; **Aksu v. Turkey** [GC], § 51).*

*For instance, a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party (***Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy*** [GC], § 92). However, in* ***Margulev v. Russia****, the Court considered the applicant to be a direct victim of defamation proceedings although he was only admitted as a third party to the proceedings. Since domestic law granted the status of third party to proceedings where "the judgment may affect the third party's rights and obligations vis-à-vis the claimant or defendant", the Court considered that the domestic courts had tacitly accepted that the applicant's rights might have been affected by the outcome of the defamation proceedings (§ 36). Further, in some specific circumstances, direct victims who had not participated in the domestic proceedings were accepted as applicants before the Court (***Beizaras and Levickas v. Lithuania****, §§ 78-81). Standing in domestic proceedings is therefore not decisive, as the notion of "victim" is interpreted autonomously in the Conventon system (see, for instance,* ***Kalfagiannis and Pospert v. Greece*** *(dec.), §§ 44-48, concerning the financial administrator of a public service broadcaster whose victim status was accepted by the domestic courts but not by the Court).*

*22. Moreover, in accordance with the Court's practice and with Article 34 of the Convention, applications can only be lodged by, or in the name of, individuals who are alive (***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** [GC], § 96). However, particular considerations may arise in the case of victims of alleged breaches of Articles 2, 3 and 8 at the hands of the national authorities. Applications lodged by individuals or associations on behalf of the victim(s), even though no valid form of authority was presented, have thus been declared admissible (§§ 103-114).5*

53. Dwar '*Indirect Victims*', jingħad is-segwenti:

*35. As regards non-governmental organisations, the Court does not grant "victim" status to associations whose interests are not at stake, even if the interests of their members - or some of them - could be at stake. In addition, "victim" status is not granted to NGOs even if the associations have been founded for the sole purpose of defending the rights of the alleged victims (***Nencheva and Others v. Bulgaria****, § 90 and § 93 and the references cited therein; see also* ***Kalfagiannis and Pospert v. Greece*** *(dec.), §§ 49-51, concerning a federation of trade unions representing media employees; see, by contrast,* ***AsDAC v. the Republic of Moldova****, §§ 21-37, concerning a non-governmental organisation set up for the collective management of intellectual property rights of its members and its victim status in relation to an Article 1 of Protocol No. 1 complaint). However, it should be noted that under certain circumstances NGOs (instead of the applicants) can take part in domestic proceedings, defending the applicants' interests. This does not deprive the applicants, who have not participated in the domestic proceedings, of their victim status (***Gorraiz**

> ***Lizarraga and Others v. Spain**, §§ 37-39; see also **Beizaras and Levickas v. Lithuania**, §§ 78-81 and the interplay between victim status under Article 34 and exhaustion of domestic remedies under Article 35 § 1).*

54. Dwar il-kunċett ta' vittma w l-*actio popolaris*, li jidher li hija inkluża fil-ħsieb tar-rikorrent, kif jirriżulta mis-sottomissjonijiet u provi prodotti mir-rikorrenti, jingħad dan li ġej:

> *36. Article 34 of the Convention does not allow complaints in abstracto alleging a violation of the Convention (**Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania** [GC], § 101 and the references cited therein). In certain specific situations, however, the Court has accepted that an applicant may be a potential victim.*
>
> ....
>
> *37. In order to be able to claim to be a victim in such a situation, an applicant must produce reasonable and convincing evidence of the likelihood that a violation affecting him or her personally will occur; mere suspicion or conjecture is insufficient (**Senator Lines GmbH v. fifteen member States of the European Union** (dec.) [GC]). For the absence of a formal expulsion order, see **Vijayanathan and Pusparajah v. France**, § 46; for alleged consequences of a parliamentary report, see **Fédération chrétienne des témoins de Jéhovah de France v. France** (dec.); for alleged consequences of a judicial ruling concerning a third party in a coma, see **Rossi and Others v. Italy** (dec.); for alleged consequences of anti-doping measures for sports associations and individual sports professionals, see **National federation of Sportspersons' Associations and unions (FNASS) and Others v. France**, §§ 91-103.*
>
> ...
>
> *39. The Court has also underlined that the Convention does not envisage the bringing of an actio popularis for the interpretation of the rights it contains or permit individuals to complain about a provision of a domestic law simply because they consider, without having been directly affected by it, that it may contravene the Convention (**Aksu v. Turkey** [GC], § 50; **Burden v. the United Kingdom** [GC], § 33; **Dimitras and Others v. Greece** (dec.), §§ 28-32; **Cordella and Others v. Italy**, § 100; **Kalfagiannis and Pospert v. Greece** (dec.), § 46). For instance, residents who have not participated in the domestic proceedings seeking the annulment of administrative decisions or associations which have not been granted locus standi by the domestic courts cannot claim to be victims of an alleged violation of the right to enforcement of judicial decisions under Article 6 § 1 (**Bursa Barosu Başkanliği and Others v. Turkey**, §§ 114-116, concerning an environmental case; compare with **Beizaras and***

> ***Levickas v. Lithuania**, § 80). Where an applicant alleges a breach of the right to respect for private and family life on account of statutory restrictions on visits from family members or other persons, in order to claim to be a victim of the alleged violation , he should demonstrate at least: a) that he has relatives or other persons with whom he genuinely wishes and attempts to maintain contact in detention; and b) that he has used his right to visits as frequently as was permitted under domestic law (**Chernenko and Others v. Russia** (dec.), § 45). In the context of Article 10 of the Convention, the mere fact that an applicant could no longer watch or listen to the programmes previously broadcast by a public service broadcaster closed by the Government did not suffice to establish his victim status with respect to the right to receive information (**Kalfagiannis and Pospert v. Greece** (dec.), §§ 46-47).*
>
> *40. However, it is open to a person to contend that a law violates his or her rights, in the absence of an individual measure of implementation, if he or she is required either to modify his or her conduct or risks being prosecuted or if he or she is a member of a class of people who risk being directly affected by the legislation (ibid., § 34; Tănase v. Moldova [GC], § 104; Michaud v. France, §§ 51-52; Sejdić and Finci v. Bosnia and Herzegovina [GC], § 28).*

**Ikkunsidrat**

55. Eżaminat il-ġuripridenza ta’ Strasburgu dwar l-istatus ta’ vittma li r-rikorrent jeħtieġ li jkollu sabiex l-azzjoni odjerna tirnexxi, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel konsiderazzjonijiet ulterjuri.

56. Jiġi osservat illi hemm varji sentenzi tal-Qrati Maltin fejn għamluha ċara li r-responsabbiltà tal-Qorti, fil-mansjoni tagħha Kostituzzjonali, hija li taċċerta ruħha li l-ksur ilmentat fid-dritt astratt jissarraf v<u>erament fi ksur u leżjoni konkreta</u> u illi tara li toffri rimedju għar-rikorrent, u dana huwa essenzjali għall-proċeduri Kostituzzjonali, għaliex altrimenti l-iskop tal-proċeduri Kostituzzjonali jintilef kompletament u l-proċess kollu ma jkun xejn għajr eżerċizzju akkademiku b’ebda forma ta’ utilità prattika u tanġibbli.

57. Kif ġie osservat f’sentenzi lokali, m’huwiex l-irwol tal-qrati illi jagħmlu konsiderazzjoni sempliċiment għall-skopijiet akkademiċi. Filwaqt illi l-Qorti tifhem li, ċerti sentenzi jkunu jirrikjedu li jsir studju akkademiku, tali studju jkun meħtieġ sabiex il-Qorti tasal għad-deċiżjoni finali tagħha, liema deċiżjoni, fl-aħħar mill-aħħar, ser ikollha effett tanġibbli u ta' utilita' fil-konfront tal-partijiet.

58. Hawnhekk, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Conrad Axisa vs. Avukat Ġenerali et** mogħtija fis-7 ta’ Awwissu 2013 fejn il-Qorti qalet dan li ġej:

> *15. Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-*astratt *u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment tkun żviluppat. Minn dan kollu f'din il-kawża min għamel l-allegazzjoni anqas biss l-iċken prova ma ressaq u prattikament, ħlief għall-*allegazzjoni fir-rikors promotur, *ma għamel ebda sforz biex isostni l-allegazzjoni tiegħu."*

59. Referenza issir ukoll għas-sentenza **Joseph Lebrun vs. Avukat Ġenerali** mogħtija fid-19 ta' Jannar 2015 fejn ġie osservat li:

> *"Il-mansjonijiet tagħha f'dawn il-*proċeduri *u, konsegwentement, kull provvediment li hija tagħti fir-rigward, huma essenzjalment kostretti fil-parametri tat-talba magħmula mill-istess rikorrent. Il-Qorti tqis li ma tista' qatt tiġi użata bħala "sounding board" għall-"jekk" u "meta" jew "eventwalità". Talba lill-Qorti għal stħarriġ li jista' jkollha valur purament akkademiku ma tista' qatt titqies fil-*mansjonijiet *tagħha skond il-liġijiet li minnhom temana l-kompetenza tagħha fit-tħaris tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Ma' dan, wieħed jistrieh ukoll fuq l-insenjament ta' dawn il-Qrati dwar l-interess ġuridiku rikjest sabiex jiġi radikat id-dritt ta' azzjoni (ara Magri et vs Market* Intelligence Services *Company Limited et u l-ġurisprudenza fiha ċitata – ara wkoll Qorti tal-Appell Amato Gauci vs Zammit – 19 ta' Mejju 2004).*

60. Ta' l-istess ħsieb, hija l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn fil-każ **Fairfield and Others v. the United Kingdom** deċiża fit-8 ta' Marzu 2005, intqal is-segwenti:

> *Article 34 requires that an individual applicant should claim to have been actually affected by the violation he alleges (see Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, pp. 90- 91, §§ 239-40, and Klass and Others v. Germany, judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, pp. 17-18, § 33); it does not institute for individuals a kind of actio popularis for the interpretation of the Convention or permit individuals to complain against a law simply because they feel that it contravenes the Convention (see Norris v. Ireland, judgment of 26 October 1988, Series A no. 142, pp. 15-16, § 31, and Sanles Sanles v. Spain (dec.), no. 48335/99, ECHR 2000-XI). The same applies to events or decisions which are alleged to infringe the Convention."*

## Konsiderazzjonijiet Ulterjuri

61. Meqjusa dawna l-konsiderazzjonijiet u argumenti legali trattati mill-Qrati, kemm lokali kif ukoll esteri, dwar l-element ta' interess ġuridiku, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel is-segwenti riflessjonijiet.

62. Jirriżulta fatt ammess mir-rikorrent stess illi l-azzjoni odjerna hija prettament azzjoni li jaf ikollha biss effett 'inter partes', abbażi tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk jeħtieġ illi r-rikorrent jipprova l-interess dirett, leġittimu u attwali **tiegħu stess**.

63. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti mir-rikorrent u s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur ta' l-istess rikorrent, illi ntwera li, allegatament, persuni tas-sess femminili għarrfu lir-rikorrent li, in vista tal-emendi fil-Kostituzzjoni li dwarhom huwa qiegħed jilmenta, ossija l-Artikolu 52A ta' l-istess Kostituzzjoni, huma ma kinux ser jingħaqdu miegħu f'alleanza ta' kandidati għall-elezzjoni ġenerali, peress illi , skond l-istess xhieda, huma kienu ser jigu pregudikati stante li kienus ser ikunu jistgħu jibbenefika mill-mekkaniżmu f'każ li jiġu eletti kandidati minn aktar minn żewġ partiti.

64. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-preġudizzju li allegatament ser jiġi soffert huwa indirizzat u limitat prinċipalment għax-xhieda tar-rikorrent, ilkoll tas-sess femminili.

65. Ikkunsidrat illi ma hemmx dubju li r-rikorrent ma jistax jitqies bħala persuna femminili u tenut kont ukoll tal-fatt illi l-allegat preġudizzju jidher li qed jiġi soffert mix-xhieda tar-rikorrent u mhux mir-rikorrent stess, jidher ċar illi l-interess dirett, leġittimu u attwali tar-rikorrent **personalment**, huwa nieqes fil-każ odjern.

66. Jirriżulta wkoll ċar illi r-rikorrent, li kellu kull opportunita illi jressaq l-ilmenti w suġġerimenti tiegħu lill-Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva, ħass illi ma kellu ebda kontribuzzjoni x'jagħti lill-istess Kumitat, u dana għar-raġunijiet personali tiegħu – għalhekk, la darba r-rikorrent kellu kull opportunita illi jressaq l-ilmenti tiegħu dwar liġi li jikkontendi tilledilu d-drittijiet tiegħu, u la darba huwa għażel illi ma jressaq ebda ilment dak iż-żmien, il-Qorti hija predisposta taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Avukat tal-Istat fejn ikkonkluda li:

> *Li kieku vera r-rikorrent kellu xi interess fil-mod ta' kif tiġi żviluppata u promulgata din il-liġi kien minn tal-inqas jitlob biex jieħu sehem fil-konsultazzjoni pubblika! Il-fatt illi dan m'għamlux, meta kien hemm volum ta' nies oħrajn illi ddiskutew, juri biċ-ċar illi r-rikorrent (i) m'għandux interess, u (ii) jekk għandu ma weriex l-interess tiegħu;*

67. Huwa ċar, fil-każ odjern, illi l-kwistjoni li r-rikorrent qiegħed jittenta jqajjem permezz ta' l-azzjoni odjerna ma hijex kwistjoni illi tirrigwarda lilu personalment u b'mod dirett, iżda hija kwistjoni bbażata fuq eventwalita' illi huwa qiegħed

jikkunsidra illi xi darba tista' sseġġ u, aktar minn hekk, fuq allegat leżjoni illi mhux huwa ser isofri imma ser isofru kandidati tas-sess femminili illi jkunu miegħu affiljati f'alleanza ta' kandidati f'entita' politika illi jaf li magħhom huwa jingħaqad jew jifforma f'entita' politika.

68. L-azzjoni tar-rikorrent hija bbażata unikament fuq eventwalitajiet u supposizzjonijiet u hija nieqsa mill-elementi attwali u personali tiegħu, li huma essenzjali sabiex ikollu kemm l-interess ġuridiku għall-azzjoni abbażi tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-istatus ta' 'vittma' meħtieġa għal kwalsiasi azzjoni abbażi tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**69. Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni mqajjma mill-Avukat tal-Istat timmerita illi tiġi akkolta minn dina l-Qorti, abbażi ta' dak fuq ġia indikat.**

## C - L-Applikazzjoni limitata tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja

70. It-tielet u l-aħħar difiża preliminari mqajjma mill-Avukat tal-Istat, kemm fl-eċċezzjonijiet tiegħu kif ukoll fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, tirrigwarda in-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għal każ odjern, partikolarment l-Artikolu 12 u 21 imsemmija mir-rikorrent fl-ewwel u t-tieni talba tiegħu.

71. L-Avukat tal-Istat jisħaq illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja tapplika biss f'dak li jikkonċerna l-iskop u l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, u mhux f'materji illi jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri bħal ma huma l-elezzjonijiet nazzjonali, u għal dan il-għan, jagħmel referenza għall-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja li tgħid dan li ġej:

> *1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.*
>
> *2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni u ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati.*

72. Ir-rikorrent Arnold Cassola, tramite l-abbli difensur tiegħu, laqa' għal tali difiża billi nsista li hija "*lloġika u ta' kontrasens li wieħed jargumenta li l-applikazzjoni tal-Protokoll hija eskluża a priori meta Malta stess irratifikat dan il-Protokoll*

*bħala parti mil-liġi tagħna mingħajr riserva. Tali argument ikun irendi bla sens ir-ratifika tal-Gvern Malti u jinnewtralizza dritt mogħti liċ-ċittadin Malti.*"

73. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi filwaqt illi l-oġġezzjoni ta' l-Avukat tal-Istat hija relatata mal-applikabilita o meno tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja**, li hija strument legali reċenti tal-Unjoni Ewropeja, ir-rikorrent qiegħed jagħmel referenza għall-**Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem** maħruġa mill-Kunsill tal-Ewropa, li Malta iffirmat fit-12 ta' Diċembru 1996 u li ġiet ippromulgata bħala liġi Maltija permezz tal-Kap 319, f'Awissu tas-sena 1987.

74. Il-Qorti tirrileva illi hemm distinzjoni netta u ċara bejn il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem maħruġa mill-Kunsill tal-Ewropa flimkien mal-Ewwel Protokol tiegħu, w il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, w l-Avukat tal-Istat qiegħed joġġezzjona għall-applikabilita tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja u mhux tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif donnu qiegħed jagħti x'jifhem ir-rikorrent.

75. Dwar l-applikabilita' tagħha fil-każ odjern, il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Marie Therese Cuschieri v. Avukat Ġenerali** deċiża fit-28 ta' Marzu 2017 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Jannar 2018, fejn il-Qorti qalet:

> *"Illi aparti li l-Qorti Ewropea (CJEU) tapplika l-principji kif enunċjati u interpretati mill-Qorti ta' Strasbourg, għandu jiġi senjalat li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandha l-forza ta' Liġi f'pajjiżna u hija mqegħda fuq l-istess livell daqs it-Trattati. Madanakollu l-Karta titqies li hija liġi ordinarja b'differenza mal-Kostituzzjoni u hija applikabbli biss fir-rispett ta' materja li taqa' tal-kompetenzi u kompiti tal-Unjoni Ewropea. Dan mhuwiex il-każ odjern li jirrigwarda materja ta' kompetenza nazzjonali.*
>
> *Għaldaqstant in kwantu li t-talba hija imsejsa fuq it-Trattat, mhiex ser tiġi milqugħa minnħabba li l-kwistjoni sollevata quddiem din il-Qorti tesorbita mill-kompetenza tat-Trattati."*

76. Jirriżulta illi hija ta' l-istess ħsieb il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fejn dejjem saħqet li m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddetermina l-kompatibilità o meno mad-drittijiet fondamentali rikonnoxuti mill-Unjoni Ewropea ta' liġijiet nazzjonali illi ma jaqgħux fi ħdan id-Dritt Ewropew.

77. L-Avukat tal-Istat, in sostenn ta' dan, jagħmel referenza għal varji każistika dwar dan il-punt.

78. Fil-każ ta' **PI v Landespolizeidirektion Tirol**, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea saħqet illi:

> *"It is also settled case-law that the fundamental rights guaranteed by the Charter are applicable in all situations governed by EU law and that they must, therefore, in particular be complied with where national legislation falls within the scope of EU law (judgment of 21 December 2016, AGET Iraklis, C 201/15, EU:C:2016:972, paragraph 62 and the case-law cited).*
>
> *That is in particular the case where national legislation is such as to obstruct one or more of the fundamental freedoms guaranteed by the Treaty and the Member State concerned relies on overriding reasons in the public interest in order to justify such an obstacle. In such a situation, the national legislation concerned can fall within the exceptions thereby provided for only if it complies with the fundamental rights the observance of which is ensured by the Court (judgment of 21 December 2016, AGET Iraklis, C 201/15, EU:C:2016:972, paragraph 63 and the case-law cited)."*

79. Fir-referenza preliminari li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq rikjesta tat-Tribunal ta' Campbasso, l-Italja, f'kawża ta' **Gianpaolo Paoletti and Others v Procura della Repubblica**, u deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016, il-Qorti qalet li:

> *It follows from the Court's case-law that the concept of 'implementing Union law', as referred to in Article 51 of the Charter, assumes a degree of connection between an EU legal measure and the national measure in question, above and beyond the matters covered being closely related or one of those matters having an indirect impact on the other (see, to that effect, judgment of 6 March 2014, Siragusa, C 206/13, EU:C:2014:126, paragraph 24).*
>
> *These considerations correspond to those underlying Article 6(1) TEU, according to which the provisions of the Charter are not to extend in any way the competences of the European Union as defined in the Treaties (judgment of 8 May 2014, Pelckmans Turnhout, C 483/12, EU:C:2014:304, paragraph 21).*

80. Fid-deċiżjoni tagħha **YS v NK** il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żiedet tgħid illi mhux biss irid ikun hemm ness bejn id-dritt Ewropew u l-liġi nazzjonali in kwistjoni, iżda l-liġi tal-Unjoni Ewropeja tkun trid timponi obbligi speċifiċi fuq l-Istati Membri f'dak il-qasam:

> *"It should also be borne in mind that the fundamental rights guaranteed by the Charter are applicable in all situations governed by EU law and that they must, therefore, be complied with inter alia where national legislation falls within the scope of EU law (judgment of 21 May 2019, Commission v Hungary (Rights of usufruct over agricultural land), C 235/17, EU:C:2019:432, paragraph 63 and the case-law cited).*

> *It is nevertheless necessary that, in the area concerned, EU law imposes specific obligations on Member States with regard to the situation at issue in the main proceedings (see, to that effect, judgment of 10 July 2014, Julián Hernández and Others, C 198/13, EU:C:2014:2055, paragraph 35).”*

81. Fil-każ **Pelckmans Turnhout NV v Walter Van Gastel Balen NV and Others** il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stqarret illi:

> *“the fundamental rights guaranteed in the legal order of the European Union are applicable in all situations governed by EU law, but not outside such situations (see Åkerberg Fransson EU:C:2013:105, paragraph 19 and the case-law cited). …*
>
> *It follows that, where a legal situation does not come within the scope of EU law, the Court does not have jurisdiction to rule on it and any provisions of the Charter relied upon cannot, of themselves, form the basis for such jurisdiction (see, to that effect, the order in Case C 466/11 Currà and Others EU:C:2012:465, paragraph 26, and Åkerberg Fransson EU:C:2013:105, paragraph 22).”*
>
> ....
>
> *There is nothing specific in the order for reference demonstrating that the legal situation at issue in the main proceedings comes within the scope of EU law.*
>
> *Like the written observations submitted to the Court, that order contains nothing which establishes a connection between the facts of those proceedings and the Treaty provisions referred to by the referring court.*
>
> *It follows from all the foregoing that it has not been established that the Court has jurisdiction to interpret the provisions of the Charter referred to by the referring court.*

82. Ikkunsidrat dana r-raġunament, il-Qorti tirrileva illi ma għandu jkun hemm ebda dubju li, għal dak li jirrigwarda l-organizazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali fl-Istati Membri, m’hemm l-ebda liġijiet tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw dan is-suġġett peress illi dan jaqa’ esklussivament fil-kompetenza tal-Istati Membri.

83. Għalhekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja w id-drittijiet minnha naxxenti ma jistgħux jitqiesu applikabbli fil-konfront ta’ liġijiet prettament ta’ natura nazzjonali, bħalma huwa dawk tal-elezzjonijiet, li r-rikorrent qiegħed jilmenta dwarhom bil-proċeduri odjerni.

**84. Għaldaqstant, it-tielet eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat tal-Istat timmerita illi tiġi akkolta stante illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja ma setgħetx tiġi invokata mir-rikorrent fl-ambitu ta' dak minnu rikjest bil-proċeduri odjerni.**

## KONKLUŻJONI

Il-Qorti,

Wara illi rat illi, fis-16 ta' Ġunju 2021, il-partijiet qablu li jiġu kkunsidrati u deċiżi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-Avukat tal-Istat;

Wara illi semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha proċesswali, u rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur tar-rikorrent u tal-Avukat tal-Istat;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, kif fuq dedotti;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeciedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat tal-Istat.

**Tilqa'** t-tieni u tielet eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat tal-Istat, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

**Spejjeż** għandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**